# L-ERWIEĦ TA' WIED GĦAMMIEQ

**Deħlin fix-xahar ta' Novembru, ix-xahar tal-Mejtin. Xieraq għalhekk, li nitħaddtu fuq xi suġġett li għandu x'jaqsam magħhom. U għażilt l-Erwieħ ta' Wied Għammieq. Niftakar meta kont tfajjel, kultant ommi kienet tagħmel xi wegħda li tmur tinvistħom. kemm-il darba jaqalgħula xi grazzja kbira minn għand Alla. Meta kienet taqla' l-grazzja mitluba, kienet tagħżel l-ewwel Tnejn tax-xahar — jum dedikat għal dawk l-erwieħ — u konna mmorru l-familja kollha, jew sal-Birgu bil-lanċa, imbagħad konna nimxuha sa' Wied Għammieq, limiti tal-Kalkara, jew sal-Irnella bid-dgħajsa, imbagħad konna ninżlu ħdejn l-arkati u nitilgħu bil-mixi sa dak il-post.**

*Minn Mons. Prof. A. Bonnici*

Niftakar li, mal-wegħda tal-viżita, ommi kienet twiegħed ukoll fiixkun żejt, ħalli jinxtegħel fuq l-oqbra tal-Mejtin mid'unn hemmhekk. Wara li tagħmel dik l-offerta, konna ngħidu ħames posti Rużarju u ħames posti "Requiem" b'suffraġju ta' dawk l-erwieħ. Jidhirli li kienet ukoll timxi għarkubbtejha matul il-passaġġ li jaqsam iċ-Cimiterju, minn ħdejn il-bieb sal-monument li qiegħed fin-nofs.

Fejn qiegħed dan iċ-Cimiterju? Mhux il-bogħod mit-trufijiet tal-Irnella u mill-Forti Ricasoli li tħaddi(t)na dwaru fl-aħħar artiklu tagħna, fl-inħawi tal-Kalkara.

### IL-KOLERA TAL-1837

Kif konna għidna, wara li nbena l-Isptar ta' Bichi, l-Ingliżi ma baqgħux jużaw aktar il-Forti bħala sptar u battiuh għal kollox. Fis-sena 1837, skuppjat hawn Malta l-epidemja tal-kolera, marda li tittieħed u li tiġi mill-ilma jew ikel mniġġes jew mil-ħmieġ tad-dubbien. Jingħad li b'din il-marda nqerdu f'Malta u Għawdex fuq l-4,000 ruħ fl-erba' xhur bejn id-9 ta' Gunju u d-9 ta' Ottubru.

Qabel ma faqqgħet din il-marda kien hemm mal-750 xiħ u xiħa jgħammru fl-Ospizju tal-Furjana, bini li, għalkemm għadu jeżisti, illum hu nofsu mwaqqgħa; tgħaddi għalih minn wara id-Depot tal-Pulizija minn-naħa tax-Xagħra.

Għal min ma jafx: dak l-Ospizju inbena mill-Grammastru Manoel de Vilhena għall-ħabta tal-1730, bil-ħsieb li fih jistkennu xjuħ, irġiel u nisa, li ma kellhomx min idur bihom, xbejbiet biex jeħilsu mit-tiġrib tal-ħażen u nies foqra biex itaffu it-tbatijiet ta'-ħajja. Fuq dan l-ospizju għad nitħaddtu fit-tul aktar il-quddiem.

### TISKOPPJA L-KOLERA FOST IX-XJUĦ

Mela, fid-9 ta' Gunju 1837 tfaċċa fost ix-xjuħ ta' dak l-Ospizju l-ewwel każ tal-kolera u f'daqqa waħda, l-għadd tal-imniġġsin beda jikber. Il-Gvernatur Sir Henry Frederick Bouverie, għalhekk, ordna li dawk ix-xjuħ jitneħħew minn dak iċ-ċentru ħdejn l-ibliet u jittieħdu fil-Forti Ricasoli.

L-esdemja żiedet il-ħsara tagħha fost dawk ix-xjuħ: naqraw li f'40 jum qerdet 455 minnhom, u ma waqfetx hemm. Minħabba f'hekk mhux il-bogħod mill-Fort, sewwa sew fil-post insejjaħ Wied Għammieq, tħaffru xi ħofor fil-ħamrija u hemmhekk bdew jidfnu l-ġisma ta' dawk l-imsejkna xjuħ. B'hekk issawret dik il-Għalqa tal-Mejtin, jew iċ-Cimiterju ta' Wied Għammieq, li fih jingħad li udifnu 855 imniġġsin bil-kolera.

Wara li spiċċat dik l-epidemja, bdiet tikber u tinxtered id-devozzjoni lejn l-erwieħ ta' dawk l-imsejkna xjuħ. Maltin minn ħafna nħawi ta' Malta ukoll f'pellegrinaġġ bdew imorru jżuru l-oqbra tagħhom, biex jitlbuhom, jew iroddulhom ħajr għal xi grazzi maqlugħin bl-interċessjoni tagħhom. Dawn iż-żjarat aktarx isiru fl-ewwel Tnejn tax-xahar.

Fl-1878, l-għadam tal-mejtin, imxerred 'l hawn u 'l hemm fil-għalqa, inġabar f'post wieħed u, tliet snin wara tqegħdet kolonna piramida'i bħala monument ta' tifkira. Fuqha tqiegħed salib li l-lum ma għadux hemm iżjed, tnaqqxet xbiha tal-Madonna Addolorata fil-bażi u twaħħlet skrizzjoni bil-malti. Din tgħid hekk:

"Hawn għadam il-foqra li fis-sena 1837, ġewwa Ricasli ngabru u bil-kolera mietu. Dan iċ-Cimiteru bi flus iddevoti sar fl-1881. Intom ikollhom ħniena, itolbu għas-serħan tagħhom."

### IŻ-ŻEJT FIT-TANK

Iċ-Cimiterju hu magħluq b'ħajt u tidħol għalih minn bieb, li jingħalaq b'kanċell tal-ħadid u jġib salib fuqu. Mal-ġenb xellugi hemm loġġa, taħtha skrizzjoni bil-latin, li tfakkar il-mejtin. Mal-lemin hemm il-kappella qadma b'tieqa għal barra. Niftakar lil ommi tixħet iż-żejt tal-flixkun minn tieqa għal ġo tank, mnejn imbagħad i-inkarigat kien jimla' t-tażez biex jinxtelgħu fiċ-Cimiterju.

Bis-saħħa tad-devozzjoni lejn dawk l-erwieħ u tat-tħabrik u l-ħeġġa ta' Mons. Carmelo Xuereb, meta kien Kappillan tal-Kalkara, fil-qiegħ taċ-Cimiterju nbniet kappella oħra fuq id-disinn tal-Kavalier Vincenzo Bonello.

Is-Sur Nin Cremona kiteb kteijeb fuq "l-Ospizju tal-Furjana" (li semmejna fil-bidu) u l-Erwieħ ta' Wied Għammieq" u fit-tmiem tiegħu żied sunett miktub minnu wkoll. L-aħħar żewġ terzini tiegħu huma dawn:

Intom ingridtu, u tagħkimm hemm tifkira Fil-għalqa tal-mejtin b'ħitan magħluqa B'ġebel li juri l-ħajja tagħkom fqira.

Illum ukoll il-kotra b'ħniena kbira Narawha fuq qabarkom dlonk issuqha Sat-tarf ta' Wied Għammieq mnies tal-Gżira.

F'dan ix-xahar ta' Novembru, niftakru fihom aħna ukoll lil dawk l-imsejkna mejtin ta' Wied Għammieq, u b'hekk nuru li Alla jaf isib il-mezz kif wieħed jaħseb mhux biss għal-mejtin għonja li qatt ma naqashom xejn, iżda ukoll għal fqar li qatt ma kellhom xejn.